# Programm ta’ Appoġġ għall-Aċċessibbiltà

Il-Linji Gwida u Regolamenti

ARTS COUNCIL MALTA

MAĦRUĠA: FRAR, 2025

ARTS COUNCIL MALTA

# L-ALLOKAZZJONIJIET

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-GĦOTJA MASSIMA GĦAL KULL PROPOSTA |
|---|---|
| EUR 50,000 | EUR 5,000 |

| IL-KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| L-għotja tista’ tkopri sa 100% tal-ispejjeż kollha | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

# L-ISKEDA TA’ ŻMIEN

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA’ ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| It-8 ta’ April 2025 | Il-15 ta’ Mejju 2025 | Is-16 ta’ Mejju 2025 sal-15 ta’ Diċembru 2026 |

# 1. Introduzzjoni

Il-Programm ta’ Appoġġ għall-Aċċessibbiltà huwa parti mill-portafoll ta’ inizjattivi mfassal biex jiffaċilita l-ingaġġ kreattiv u kulturali.

Dan il-programm għandu l-għan li jippermetti lis-setturi kulturali u kreattivi jsiru aktar aċċessibbli u jaddottaw l-ogħla standards ta’ prattika tajba u jżewweġ l-ekwità mal-kwalità.

Dan il-programm jinvesti fi pjanijiet ta’ aċċessibbiltà, b’attenzjoni speċjali fuq in-nies, ir-riżorsi, il-faċilitajiet, it-taħriġ, il-mentoraġġ, l-assistenza teknika, is-servizzi u l-infrastruttura.

F’konformità ma’ *Strateġija 2025* kif ukoll mal-impenn tal-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) biex jgħin l-arti biex jaddotta approċċ sostenibbli u responsabbli lejn l-investiment pubbliku, il-KMA jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti rigward dawn il-ħtiġijiet:

Fl-iżvilupp tal-proposta tagħhom l-applikanti għandhom isegwu l-gwida mogħtija fi *Dritt għall-Kultura – Pakkett ta’ Riżorsi*, u jħarsu mill-qrib lejn l-ingaġġ tal-komunità u l-adozzjoni ta’ approċċi bbażati fuq id-drittjiet għal xogħolhom.

Dan il-pakkett ta’ riżorsi nħaseb biex iżid l-għarfien dwar id-diversità, l-ekwità, l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà u l-appartenenza kif ukoll biex jgħin l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta’ kuljum.

Meta jipproponu attivitajiet ta’ operat u programmar l-applikanti għandhom jikkunsidraw b’mod xieraq il-*Karta għall-Istatus tal-Artist* biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u diċenti għall-artisti u l-prattikanti fis-setturi kulturali u kreattivi, l-aċċessibbiltà u t-tħaddin tal-libertà artistika. Jenħtieġ jirrikonoxxu wkoll il-ħiliet formali/informali/nonformali, il-kunsiderazzjonijiet etiċi kif ukoll jaderixxu mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u mal-liġi internazzjonali tax-xogħol.

Il-*Karta għall-Istatus tal-Artist* għandha l-għan li tipprovdi qafas dinamiku ta’ referenza għal kull leġiżlazzjoni, politika jew inizjattiva li tħalli impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi. Din tiżgura wkoll li kull azzjoni fl-aħħar mill-aħħar tkun konformi mal-viżjoni fit-tul tagħna li nelevaw l-istatus tal-artisti f’Malta skont il-valur tanġibbli tagħhom fis-soċjetà.

# 2. Id-definizzjonijiet

### Aċċess

- Il-KMA huwa impenjat favur l-integrazzjoni tal-parteċipazzjoni kulturali, l-aċċess u t-tgawdija. F’dan ir-rigward il-Programm ta’ Appoġġ għall-Aċċessibbiltà jaddotta approċċ li jmur lil hinn mill-proġetti u li jwassal għal prattiċi ta’ diskors dwar l-espansjoni tal-aċċessibbiltà, investiment u prattika lejn l-iżvilupp ta’ programmi ta’ aċċessibbiltà, bini ta’ kapaċità u prattiċi sostenibbli. Dan il-programm jinvesti fi Programmi ta’ Aċċessibbiltà, fosthom elementi marbuta mal-ġestjoni ta’ avvenimenti aċċessibbli, medjazzjoni kulturali, taħriġ għall-aċċessibbiltà, faċilitajiet, servizzi, ċentri tal-arti u infrastrutturi li jippermettu u jtejbu l-esperjenzi kulturali għal kulħadd.

### Applikant

- L-applikant jista’ jkun individwu, grupp jew organizzazzjoni. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-Programm ta’ Appoġġ għall-Aċċessibbiltà.

### Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni. Din tinkludi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness mal-formola tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

### Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur l-għotja. Il-benefiċjarju huwa legalment responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġata mill-programm. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-programm iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista’ jinħareġ biss f’isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f’isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F’każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għalhekk ma jkollux numru tal-VAT irreġistrat, huwa jkollu d-dmir jaċċerta li jitlob irċevuta fiskali għall-prodotti u s-servizzi li jkun irċieva.

### Ċentru tal-arti

- Spazju mmexxi minn artist wieħed jew aktar li jilqa’ fih persuni biex jimpenjaw ruħhom fil-ħolqien tal-arti bħala mod li tiffaċilita l-appartenenza, it-tagħlim minn xulxin, l-espressjoni kreattiva, il-fejqan u l-benessri.

### Diversità

- Differenzi individwali f’termini ta’ età, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, abbiltà, etniċità, kultura, twemmin, lingwa u sfond soċjoekonomiku fost il-komunitajiet, il-kreattivi u l-udjenzi.

### Dokumentazzjoni obbligatorja

- Id-dokumenti meħtieġa kollha li jsostnu l-proposta tiegħek u jgħinu t-twettiq tal-evalwazzjoni tagħha.

## Eliġibbiltà

- Qabelxejn isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-fond. Il-proposti li ma jinstabux eliġibbli ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

## Entitajiet irreġistrati

- Entità legali legalment imwaqqfa u rreġistrata f'Malta. L-entitajiet irreġistrati jridu jkunu rreġistrati mal-Malta Business Registry, skont ir-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji f'każ ta' kumpanija jew sħubija u skont il-Kodiċi Ċivili f'każ ta' Fondazzjoni jew Organizzazzjoni/Assoċjazzjoni.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida.

## Finanzjament massimu

- Il-massimu tal-għotja għal kull proposta huwa €5,000. L-ammont mogħti jiġi deċiż każ b'każ skont il-proġett.

## Ġestjoni ta' avvenimenti aċċessibbli

- Il-proċess biex attivitajiet u proġetti jsiru aċċessibbli. Dan jinvolvi:
  – L-identifikazzjoni tal-ostakli possibbli li gruppi partikolari jaffaċċaw;
  – L-iżvilupp ta' strateġiji u programmi li jtejbu l-aċċessibbiltà;
  – Is-sorveljanza fuq l-implimentazzjoni tal-aċċessibbiltà;
  – Il-valutazzjoni tal-aċċessibbiltà.

## Ġestjoni u amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-ġestjoni ta' dan il-programm. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inklużi s-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet u kwalunkwe aġġornament fuq il-proposti li jingħataw il-fondi, għandhom jintbagħtu fl-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

## Grupp

- Għadd ta' persuni b'personalità ġuridika jew mingħajrha jistgħu jiffurmaw grupp. Waħda mill-persuni involuti trid tieħu r-rwol tat-tmexxija u ġġorr ir-responsabbiltà legali prinċipali mill-ġestjoni tal-proġett u tal-għotja. Din il-persuna għandha tkun ċittadina Maltija jew ikollha permess ta' residenza f'Malta jew inkella ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Impriża

- Impriża hija definita bħala entità involuta f'attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta' oġġetti u servizzi f'suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet

mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu 'l barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża tibqa' dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

## Impriża waħda

- Din tinkludi l-impriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet ma' xulxin:
  - Impriża waħda bil-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;
  - Impriża waħda bid-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;
  - Impriża waħda bid-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt magħmul ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;
  - Impriża waħda, li tkun azzjonista jew membru ta' impriża oħra, li tikkontrolla waħedha – skont ftehim ma' azzjonisti jew membri oħra ta' dik l-impriża – il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

  L-intrapriżi li jkollhom xi waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti ta' hawn fuq permezz ta' impriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu bħala impriża waħda.

## Individwu

- L-individwu li japplika għall-għotja għandu jkun ċittadin Maltin jew ikollu permess ta' residenza f'Malta jew inkella ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Komunità

- Grupp ta' persuni li jaqsmu valuri, drawwiet, identitajiet jew prattiċi.

## Koperattivi

- Il-koperattivi għandhom ikunu rreġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal aktar informazzjoni tista' żżur is-sit https://maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi.

## Medjatur kulturali

- F'kuntest ta' migrazzjoni dan huwa professjonista li jiffaċilita l-komunikazzjoni (fosthom l-interpretazzjoni) bejn persuni li jitkellmu lingwi differenti jew li jiġu minn sfondi kulturali differenti.

## Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni mwaqqfa legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mal-ħtiġijiet tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org).
- L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

### Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

- L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti tal-Arti, fosthom Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Art Space, Festivals Malta u l-Aġenzija Nazzjonali tal-Arti Performattiva.

### Żborż tal-fondi

- Din l-għotja tiġi żborżjata kif muri f'paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Jinħareġ ċekk f'isem l-applikant. Meta jressaq l-applikazzjoni l-applikant għandu jkollu kont bankarju.

# 3. L-eliġibbiltà

Qabelxejn il-proposti jiġu skrinjati skont it-termini tal-eliġibbiltà teknika u sostantiva. Proposti ineliġibbli skont it-termini tal-punti mniżżla hawn isfel ma jibqgħux jiġu pproċessati u ma jiġux evalwati.

L-iskeda taż-żmien massima għat-twettiq ta' Programm ta' Aċċessibbiltà: **18-il xahar**.

## 3.1 Min jista' japplika?

Din l-iskema tgħin Programmi ta' Aċċessibbiltà, b'fokus speċjali fuq in-nies, ir-riżorsi, il-faċilitajiet, it-taħriġ, il-mentoraġġ, l-assistenza teknika, is-servizzi u l-infrastruttura, bil-għan li tiffaċilita l-ingaġġ kreattiv u kulturali.

Dan il-programm joffri żewġ għażliet: waħda ta' għajnuna mill-Istat u oħra ta' għajnuna mhux mill-Istat. L-għażla ta' għajnuna mill-Istat hi disponibbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE. Għal din l-għażla l-għajnuna tingħata skont ir-Regolament *de minimis.*[1] L-għażla ta' għajnuna mhux mill-Istat hi disponibbli għal applikanti li ma jwettqux attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE kif ukoll għal proposti li ma jinvolvux attività ekonomika simili. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok irreferi għal Sezzjoni 9 ta' dawn il-linji gwida.

Barra minn hekk, l-applikanti jeħtieġu jikkwalifikaw bħala wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

- Entitajiet irreġistrati mal-Malta Business Registry (fosthom kumpaniji, sħubijiet, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet);
- Gruppi, kollettivi u konsorzji;
- Koperattivi rreġistrati;

[1] Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*.

- Organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
- Professjonisti kreattivi/artisti individwali.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

Il-persuni jew entitajiet li ġejjin mhumiex eliġibbli biex japplikaw għall-Iskema ta' Programm ta' Appoġġ għall-Aċċessibbiltà:

- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut minħabba n-nuqqas tad-dokumenti obbligatorji mniżżlin hawn isfel:
  - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara); jew permess ta' residenza f'Malta; jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti;
  - statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx bħala 'applikant' skont id-definizzjoni ta' din l-iskema speċifika.
- Applikanti/proposti li jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta' voti stabbiliti mill-Gvern.
- Benefiċjarji li ma jkunux onoraw impenji ta' finanzjament preċedenti.
- Benefiċjarji li ma jkunux ressqu jew lestew għall-inqas rapport finali wieħed marbut ma' għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti skont l-iskeda ta' żmien stabbilita.
- Entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali mitluba mill-Malta Business Registry.
- Organizzazzjonijiet volontarji li:
  - ma jkunux iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - ma ppreżentawx il-kotba aġġornati lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - ma jkollhomx indirizz irreġistrat fil-Gżejjer Maltin.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?

Din l-għotja tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli indikati hawn taħt (sa massimu ta' €5,000 għal kull proposta, skont liema minnhom tkun l-inqas waħda).

- Appoġġ komunikattiv/esperjenzali (lingwistiku, kulturali, sensorjali, fiżiku), fosthom:
  – Apparat għal assistenza fis-smigħ, traskrizzjoni, sottotitoli;
  – Assistenti fil-komunikazzjoni;
  – Deskrizzjoni tal-awdjo, Braille;
  – Interpretazzjoni, fosthom interpretazzjoni ta' lingwa tas-sinjali;
  – Medjazzjoni lingwistika u/jew kulturali;
  – Multimodalità, turs multisensorjali, wirjiet tal-mess, stampar 3D;
  – Produzzjoni ta' awdjo, taħdit sovrapost, dubbing;
  – Produzzjoni ta' test li jinqara faċilment;
  – Titjib ta' elementi tat-taħdit (taħdit mhux ċar, djalettali);

  - Traduzzjoni, lokalizzazzjoni, reviżjoni, editjar.
- Avvenimenti mhux fuq il-post, trasport (fosthom ta' persuni, wirjiet, props).
- Ġestjoni ta' avvenimenti aċċessibbli.
- Infrastruttura għal aċċessibbiltà, għajnuna fil-mobbiltà għall-użu tal-viżitaturi.
- Konsulenza, servizzi ta' terapija marbuta direttament mal-Programm ta' Aċċessibbiltà propost.
- Kura tat-tfal, ta' adulti dipendenti u ta' anzjani.
- Persuni li jgħinu lil persuni b'diżabbiltà jew bi bżonnijiet speċjali.
- Prestazzjonijiet rilassanti.
- Spejjeż oħra marbuta ma' aċċessibbiltà mtejba għal riċevitur tal-għotja u/jew komunitajiet usa'.
- Taħriġ għal aċċessibbiltà, żvilupp professjonali, shadowing.
- Teknoloġiji ta' assistenza, fosthom:
  - Kiri ta' software;
  - Kiri ta' tagħmir teknoloġiku;
  - Xiri ta' tagħmir, hardware, software.
- Twaqqif ta' ċentri għall-arti.

Għal aktar informazzjoni dwar kif tippreżenta l-baġit tiegħek irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit hawnhekk: https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Finanzjament għall-ħolqien jew żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju jew premji.
- Rimborż ta' salarji jew partijiet minnhom.
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew minn programmi ta' finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, dipartiment tal-Gvern jew ministeru ieħor.
- Spejjeż li jkunu diġà koperti minn baġits għall-operat ta' kuljum (pereżempju spazju li l-applikanti jew is-sieħeb/organizzazzjoni f'appoġġ/individwu jkunu sidien tiegħu);
- Spejjeż retroattivi.
- Sussistenza, catering u ospitalità.
- Tariffi għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew aġenziji pubbliċi oħra, dipartimenti tal-Gvern jew ministeri.
- VAT rikuperabbli, fejn applikabbli.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

Dawn l-applikazzjonijiet **mhumiex** eliġibbli taħt din l-Iskema:

- Applikazzjonijiet bil-għan li jinġabru fondi jew ta' propaganda politika.

- Applikazzjonijiet għal attivitajiet li fihom infushom jkollhom natura awtosostenibbli.
- Applikazzjonijiet għal spejjeż li mhumiex eliġibbli taħt il-Programm ta' Appoġġ għall-Aċċessibbiltà.
- Applikazzjonijiet għal spejjeż marbuta ma' attivitajiet tradizzjonali jew festi.
- Applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-ħolqien jew iż-żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju jew premjijiet.
- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b'vot fuq linja baġitarja jew mingħajru.
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data ta' skadenza.
- Applikazzjonijiet li ma jiġġustifikawx b'mod ċar li l-ispiża li tkun saret applikazzjoni għaliha ma tkunx normalment marbuta ma' aktar aċċessibbiltà fil-kultura u fl-arti.
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta' Kontroll).
- Implimentazzjoni li ma tidħolx kollha kemm hi fl-iskeda ta' żmien eliġibbli.
- Implimentazzjoni li tibda u/jew issir qabel id-data tan-notifika tar-riżultati lill-applikant(i);

Kwalunkwe applikazzjoni oħra li tkopri attività li tista' tiġi żviluppata barra l-ambitu tal-mekkaniżmu tal-Programm ta' Appoġġ għall-Aċċessibbiltà mhix eliġibbli għall-għajnuna.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda fl-istess sejħa. Madankollu applikazzjoni waħda biss tista' tiġi ffinanzjata fl-istess sejħa.

# 4. L-evalwazzjoni

Il-Bord Evalwattiv ser jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dawn il-kriterji:

## 4.1 L-Ewwel Kriterju: Il-Kwalità u l-Adegwatezza tal-Proposta (40 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-kwalità tal-proposta, iċ-ċarezza tal-għanijiet u l-objettivi, u kemm il-proposta tkun allinjata mal-objettivi tal-Programm ta' Appoġġ għall-Aċċessibbiltà:

- Jekk jogħġbok agħti spjega dwar kif il-programm propost minnek ikun immirat lejn l-aċċessibbiltà permezz ta' tfassil u żvilupp ta' programm. Din trid tinkludi l-inventarju tal-bżonnijiet għall-aċċess (permezz ta' tagħmir għall-aċċess, aġġustamenti raġonevoli, konsultazzjoni mal-komunità); l-ippjanar finanzjarju; il-ġestjoni ta' baġits għall-aċċessibbiltà). (10 marki)
- Iddeskrivi kif il-Programm għall-Aċċessibbiltà propost minnek jikkunsidra b'mod xieraq il-gwida pprovduta mill-*Pakkett ta' Riżorsi – Dritt għall-Kultura* u mill-Karta għall-Istatus tal-Artist, kif mitlub fl-ewwel sezzjoni ta' dawn il-linji gwida. (10 marki)
- Jekk jogħġbok iddefinixxi l-għanijiet, l-objettivi u l-eżiti mistennija tal-Programm għall-Aċċessibbiltà propost. (10 marki)

- Kif il-Programm għall-Aċċessibbiltà propost minnek huwa relevanti għall-iżvilupp artistiku tiegħek u għall-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi kif ukoll tal-komunità b'mod ġenerali? (10 marki)

## 4.2 It-Tieni Kriterju: Il-Ġestjoni (20 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-livell ta' impenn muri fil-proposta kif ukoll is-saħħa ta' dan il-programm propost biex iwettaq u jilħaq l-għanijiet u l-miri tal-Programm għall-Aċċessibbiltà. Dan jinkludi lill-kollaboratur jew kollaboraturi ewlenin involuti kif ukoll ir-rekords tagħhom.

- Jekk jogħġbok ressaq qafas għat-twettiq tal-Programm għall-Aċċessibbiltà propost. (Fih inkludi t-tqassim tal-iskeda taż-żmien, il-metodoloġija, il-pjanijiet tax-xogħol, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi, il-ħiliet, il-portafolli, il-pjanijiet tal-loġistika, kif applikabbli. (10 marki)
- Kemm huwa flessibbli l-ippjanar, meta jitqiesu r-riskji u l-inċertezzi? X'miżuri ta' mitigazzjoni hemm previsti meta jitqiesu r-riskji identifikati? (Pereżempju, il-pjanijiet ta' kontinġenza, il-valutazzjoni tar-riskji, il-miżuri tas-saħħa u s-sigurtà, il-bidliet possibbli li jistgħu jsiru). (5 marki)
- Għandhom jiġu ttrattati permessi neċessarji, kwistjonijiet ta' drittijiet tal-awturi u kwistjonijiet legali, etiċi u amministrattivi oħra? (5 marki)

## 4.3 It-Tielet Kriterju: L-Ingaġġ tal-Komunità u tal-Udjenza (20 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-ingaġġ ta' komunitajiet u ta' udjenzi stabbiliti u ġodda kif ukoll il-pjanijiet ta' tixrid. It-terminu 'ingaġġ' jirreferi għar-rwol, in-natura tal-involviment u l-esperjenza offruta lill-komunitajiet u lill-udjenzi. It-terminu 'tixrid' jirreferi għall-metodi addottati mill-applikant biex ixerred ir-riżultati tanġibbli tal-Programm għall-Aċċessibbiltà propost.

- Jekk jogħġbok elabora dwar l-udjenzi ewlenin (interni u/jew esterni) previsti u dwar kif dawn l-udjenzi ser jintlaħqu. (10 marki)
- Jekk jogħġbok ipprovdi sommarju dwar il-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-pjan ta' komunikazzjoni tal-Programm għall-Aċċessibbiltà propost. Spjega wkoll għaliex għażilt dawn il-metodi. 'Il-pjan ta' komunikazzjoni' jinkludi wkoll it-tixrid intern li jista' ma jkunx fil-livell pubbliku. (10 marki)

## 4.4 Ir-Raba' Kriterju: Il-Baġit (20 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti kemm il-pjan baġitarju jkun ippjanat tajjeb u realistiku.

- Jekk jogħġbok ipprovdi tqassim ċar tal-baġit. Dan għandu jinkludi l-ispejjeż marbuta direttament mal-Programm għall-Aċċessibbiltà propost. Spjega wkoll ir-raġunament wara l-ispejjeż tal-Programm għall-Aċċessibbiltà propost. (20 marka)

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk m'għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-KMA billi tagħfas fuq 'Irreġistra' u timla d-dettalji mitluba. L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA mill-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza ta' din is-sejħa.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit. Ehmeż ukoll id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Issottometti l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

Jekk issib xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Biex tippermettilna nipproċessaw u nevalwaw l-applikazzjoni tiegħek jekk jogħġbok ippreżenta l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni neċessarja.

Ir-rappreżentanti tal-KMA mhumiex f'pożizzjoni li jiċċekkjaw il-formoli tal-applikazzjoni. Wara d-data ta' skadenza tkun biss fid-diskrezzjoni tal-KMA li jitlob lill-applikanti biex jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-KMA.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jsostnu l-proposta.

L-applikazzjonijiet li jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta' kontroll

Biex tkun sħiħa l-applikazzjoni għandha tinkludi:

- CV artistika/bijografija tal-applikant mehmuża mal-profil tal-applikant.
- Dikjarazzjoni *de minimis*, kif applikabbli.
- Fajls awdjoviżivi/portafoll li juru x-xogħol tal-applikant kif relevanti għall-proposta (fajls awdjoviżivi li ma jkunux akbar minn 5MB jistgħu jittellgħu direttament fuq il-

formula tal-applikazzjoni. F'każ ta' fajls akbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' ħolqa).

- Fejn applikabbli, ċertifikat ta' reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni. Dan iċ-ċertifikat jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta' konformità.
- Fejn applikabbli, prova tar-reġistrazzjoni legali tal-organizzazzjoni/kumpanija.
- Ittri ta' intenzjoni mill-kollaboraturi.
- Fejn relevanti, ittra ta' aċċettazzjoni minn istituzzjoni, pjattaforma jew post.
- Kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-VAT.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta' esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta' marki speċifiċi. Sabiex programmi jiġu kkunsidrat għal finanzjament il-Programmi ta' Aċċessibbiltà proposti jeħtieġ jiksbu minimu ta' 60 marka.

Madankollu s-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proposta tikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx li ser tingħata l-fondi awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikolari kemm-il darba l-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-KMA abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw valutazzjoni għal kull proposta. Fiha jindikaw il-marki relevanti mogħtija.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 ('Ir-Riżultati') għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-KMA. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament nehmżu wkoll kopja tar-rispons li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-iskema.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Fiha jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proposti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proposti li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk issib xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati.

Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika l-applikazzjoni awtomatikament.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-amministraturi, il-maniġers u l-evalwaturi titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proposti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ

Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu dokumentazzjoni sħiħa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni u l-pjan baġitarju fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-ittra ta' notifika. Il-KMA jaċċetta sa varjazzjoni ta' 5% mill-baġit propost. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġa kwalunkwe varjazzjoni mill-baġit propost. Taħt ebda ċirkustanza l-Kunsill ma jżid l-għotja mogħtija.

Mad-dispożizzjoni u l-approvazzjoni tad-dokumentazzjoni mandatorja msemmija hawn fuq jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-iskema. L-għotja tista' tingħata biss wara t-tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord Evalwattiv jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagament finali ta' 30% jingħata wara t-tressiq tar-rapport finali mill-benefiċjarju u l-approvazzjoni mill-KMA.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien sostnut bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jiġi applikat fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f'konformità mal-proposta mressqa u mal-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw in-natura tal-Programm ta' Aċċessibbiltà li għalih tkun ingħatat l-għotja. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet qabel l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-Programm ta' Aċċessibbiltà ma titqiesx allinjata mal-proposta inizjali jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta' monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq kif ukoll wara t-tlestija tal-Programm ta' Aċċessibbiltà li tkun ingħatat l-għotja għalih.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Ir-rapport

Ser tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol li sar u l-kisbiet tal-programm tiegħek. Dan jintalab fi żmien sitt (6) ġimgħat mit-tlestija tal-Programm ta’ Aċċessibbiltà tiegħek li ngħatat l-għotja għalih. Il-KMA ser jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek. Fejn relevanti, il-benefiċjarji, flimkien ma’ dan ir-rapport, iridu jressqu kopji ta’ kwalunkwe marketing, pubbliċità jew materjal ta’ informazzjoni żviluppati għall-Programm ta’ Aċċessibbiltà ffinanzjat. Il-benefiċjarji ser jintalbu wkoll iressqu evidenza tal-proċess tar-riċerka, li għandha tinkludi dokumentazzjoni viżiva (minimu ta’ 5 immaġnijiet b’reżoluzzjoni għolja), bloggs u dokumentazzjoni oħra.

Tintalab ukoll tippreżenta l-baġit finali dettaljat flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnuh.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li juża l-materjal tal-proġett imressaq dwar l-aċċessibbiltà appoġġata.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt ukoll li jirkupra l-fondi f’każ li ma jkunux ġew użati u/jew intużaw ħażin u/jew ma ntużawx skont il-baġit imressaq.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

Aħna rridu nrawmu u nimbuttaw ’il quddiem id-diversità kulturali, l-ekwità u l-inklużjoni, kif ukoll niżguraw żvilupp sostenibbli u l-benessri. Irridu wkoll inkunu ġusti. Meta tħoss li xi ħaġa ma tkunx ġusta, irridu nisimgħu dwarha biex inkunu nistgħu nittrattawha u naraw kif nistgħu ntejbu l-operat tagħna.

It-tressiq ta’ ilment ma jaffettwax il-possibbiltà tiegħek li tirċievi għajnuna mingħand il-KMA fil-futur. Il-kunfidenzjalità għalina hija importanti ħafna. Kull ilment li tħoss li għandek twassal jiġi ttrattat b’mod kunfidenzjali.

## 8.1 Il-bażi għall-ilmenti

Bħala applikant tista’ tressaq ilment formali dwar anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura marbuta mal-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti.

Ma nistgħux nipproċessaw ilmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-KMA jew tal-Gvern;
- Il-merti tal-applikazzjoni f’termini tal-kriterji stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti.

Nistgħu nipproċessaw biss l-ilmenti mressqa mill-applikanti dwar il-proposta tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta’ ilment

Neħtieġu li l-ilment formali tiegħek ikun ippreżentat bl-aktar mod ċar possibbli u bil-kitba. Jekk jogħġbok speċifika l-bażi u r-raġunijiet tal-ilment tiegħek u pprovdi spjega u ġustifikazzjoni dettaljata sostnuta b’dokumentazzjoni relevanti jew bi provi dwar għaliex temmen li l-proċedura/i stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti jew f’regoli u regolamenti ta’ governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku jkunu irregolari. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa’ finali. Jekk jogħġbok indirizza l-ilment tiegħek lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba l-KMA jlaqqa’ bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f’aktar dettall. Meta tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li qiegħed taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proposta tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat

## 9.1 Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE

L-iskema tal-Għajnuna mill-Istat ser tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta’ Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni ta’ Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*.

Dan ir-Regolament japplika għall-għajnuna li tingħata lil impriżi f’kull settur, bl-eċċezzjoni ta’:

1. għajnuna li tingħata lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta’ prodotti tas-sajd u l-akwakultura;

2. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-proċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u l-akwakultura, fejn l-ammont ta’ għajnuna huma stabbiliti skont il-prezz jew il-kwantità tal-prodotti mixtrija jew imqiegħda fis-suq;

3. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta’ prodotti agrikoli;

4. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-proċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti agrikoli, f’wieħed mill-każijiet li ġejjin:

   i. meta l-ammont ta' għajnuna jiġi stabbilit skont il-prezz jew il-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
   ii. meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;

5. għajnuna mogħtija għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew lejn Stati Membri, jiġifieri għajnuna assoċjata direttament ma' kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u mal-operat ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' nefqa oħra kurrenti assoċjata mal-attività tal-esportazzjoni;

6. għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti u servizzi domestiċi bi preferenza fuq oġġetti u servizzi.

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħti għal kull impriża waħda m'għandux jaqbeż it-€300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Jenħtieġ li l-perjodu ta' tliet snin li għandu jitqies għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jiġi vvalutat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-Għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' Għajnuna mill-Istat implimentata skont ir-regolament *de minimis*, inkluż dik riċevuta minn kwalunkwe entità oħra għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit ikollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mingħand l-impriża li tkun irċeviet l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni kif deskritti f' Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis* ser jiġu rrispettati.

L-applikanti għandhom iressqu formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* li tindika kull għajnuna *de minimis* oħra li jkunu rċevew jew applikaw għaliha matul it-tliet snin preċedenti. Dan jiżgura li l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda skont ir-regola *de minimis* mhux ser taqbeż l-ammont massimu tal-għajnuna *de minimis* matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin.

Jekk l-applikant li jintgħażel ma jkunx eliġibbli biex jirċievi għajnuna *de minimis*, dan l-applikant jitqies ineliġibbli u l-applikant li jkun ġie kklassifikat warajh jingħata l-għajnuna minfloku.

Skont ir-Regolament *de minimis*, ir-rekords rigward l-għajnuna *de minimis* għandhom jinżammu tul għaxar snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna skont l-iskema.

### 9.1.1 Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali

Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament *de minimis*, mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna *de minimis* mogħtija taħt din l-iskema għandha tkun disponibbli għall-pubbliku f'reġistru ċentrali.

Din l-informazzjoni għandha ssir pubblika:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont tal-għajnuna;
- id-data tal-għotja;
- l-istrument tal-għajnuna; u
- is-settur involut skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

## 9.2 Għażla ta' għajnuna mhux mill-istat

L-applikanti li ma jwettqux attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE jistgħu japplikaw għall-iskema. Applikazzjonijiet mhux relatati ma' attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE jistgħu wkoll jitressqu għal finanzjament.

Fiż-żewġ każi r-regoli deskritti fit-Taqsima 9.1 mhumiex applikabbli.

# Teħtieġ parir?

Aħna qegħdin hawn għalik matul kull pass li tagħmel!

It-tim tagħna ta' senserija jista' jgħinek issib l-għajnuna ideali għalik u jagħtik rispons dwar il-mod kif qiegħed tippjana li tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek. Aħseb bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Ċemplilna fuq +356 2334 7230.

Ibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

L-uffiċċju tagħna jkun miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 (CET).

Dawn il-linji gwida u regolamenti ġew aġġornati l-aħħar fis-7 ta' Frar 2025.